**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **52/2023 AD**

**ARCHITECTURE 360 LIMITED (C 71643)**

**vs**

**MARIO CAMILLERI (KI 0118570M)**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte* limitatament** rigward l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimat fir-risposta tiegħu, illi din il-Qorti mhix kompetenti stante illi l-vertenza bejn il-partijiet għandha tiġi riferita għall-arbitraġġ;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. B'rikors ġuramentat datat sbatax (17) ta' Jannar 2023, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi hija kienet ipprestat servizzi professjonali lill-intimat, għal liema servizzi s-soċjeta' rikorrenti ħarġet żewġ fatturi fl-ammont totali ta' sbatax-

il elf u seba' mitt Ewro (€17,700) li għadhom pendenti. Is-soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex:

a. Tiddikjara lill-intimat Mario Camilleri debitur tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sbatax-il elf u seba' mitt Ewro (€17,700) jew kwalunkwe somma oħra verjuri;

b. Tikkundanna lill-intimat Mario Camilleri sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' sbatax-il elf u seba' mitt Ewro (€17,700) jew kwalunkwe somma oħra verjuri;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittru uffiċjali (166A) datati 10 ta' Settembru 2020 u 24 ta' Marzu 2021, u bl-imgħax legali dovut sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-intimat;

3. B'risposta datata għoxrin (20) t'April 2023, il-konvenut, apparti eċċezzjonijiet fil-mertu, issolleva wkoll eċċezzjoni preliminari, u cioe:

> ***Illi fl-ewwel lok, dina l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti stante illi l-ftehim bejn il-partijiet jikkontempla klawsola arbitrali u kwalunkwe vertenza bejn il-partijiet għandha tiġi riferita għall-arbitraġġ;***

4. Fis-seduta tal-għoxrin (20) t'April 2023, il-kawża ġiet differita għall-provi u għat-trattazzjoni fuq din l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut;

5. Wara illi, fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Lulju 2023, din il-Qorti rat u semgħet il-provi mressqa rigward din l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, u semgħet it-trattazzjoni tal-partjiet dwar l-istess eċċezzjoni, il-kawża ġiet differita għal-lum għal sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni suriferita.

**Il-Qorti**

6. Wara illi rat l-atti preżentati mill-partijiet;

7. Rat in-nota esebita mill-intimat, illi permezz tagħha esebixxa: (a) kopja tal-ftehim tal-15 ta' Marzu 2019 bejn Nunzio Antignani, in rappreżentanza tal-Ħamrun Spartans Football Club, u Mario Camilleri f'ismu personali (**Dok MC1** a fol 40 *et seq* tal-proċess) u (b) kopja t'abbozz ta' ftehim datat 21 ta' Marzu 2019 bejn Mario Camilleri, f'ismu personali, u Architecture 360 Limited (**Dok MC2** a fol 43-44 tal-proċess);

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Matthew Camilleri**, prodott mill-konvenut waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Lulju 2023[1], u rat id-dokument minnu esebit u mmarkat **Dok MC1** a fol 51 tal-proċess;

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tal-intimat **Mario Camilleri** waqt is-seduta tas-sebgħa (7) ta' Lulju 2023[2];

10. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet rigward l-eċċezzjoni dwar il-kompetenza tal-Qorti sollevata mill-konvenut;

11. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari rigward l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-konvenut;

12. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

13. Jirriżulta mill-atti illi bi ftehim datat ħmistax (15) ta' Marzu 2019[3], bejn ċertu Nunzio Antignani u Stephen Saliba (illi m'humiex parti mill-kawża odjerna) in rappreżentanza tal-Ħamrun Spartans Football Club fuq naħa, u l-intimat Mario Camilleri fuq in-naħa l-oħra, il-partijiet waslu għal ftehim illi permezz

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 45 *et seq* tal-proċess
[2] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 57-58 tal-proċess
[3] Vide **Dok MC1** a fol 48 *et seq* tal-proċess

tiegħu Camilleri kellu jassisti lil Ħamrun Spartans Football Club sabiex isib investituri għal proġett ta' żvilupp tal-Ħamrun Spartans Football Club u żoni ancillari. *Inter alia*, il-partijiet qablu illi *"First Party* [cioe, il-klabb tal-futbol] *shall oblige the Investor (even if Investor is not one identified by Second Party* [cioe, l-intimat Mario Camilleri]*) that all design and other architectural works and/or services required for the Project shall be entrusted solely and exclusively to A360 architects."*[4];

14. Jidher illi dan il-ftehim kellu jifforma wkoll parti minn ftehim ieħor, cioe kellu jkun anness bħala *Appendix A* ma' ftehim ieħor, illi għalkemm ġie abbozzat, baqa' qatt ma ġie ffirmat[5], bejn il-partijiet f'din il-kawża, jiġifieri bejn l-intimat Mario Camilleri bħala *First Party* u s-soċjeta' rikorrenti bħala *Second Party*. *Inter alia*, fl-abbozz ġie miftiehem illi:

    1. *Both Parties confirm that they are cognisant of and fully in agreement with the Agreement signed between First Party and Hamrun Spartans Football Club, dated 15.03.2019, and a copy of which is attached hereto as Appendix A.*

    2. *First Party hereby confirms his commitment towards Second Party to ensure tha clause d ii of Annex A is respected and adhered to.*

    3. *This agreement shall be governed in accordance with the Laws of Malta, and any dispute, controversy or claim arising out of or relating to this Agreement, or the breach, or invalidity thereof, shall be settled by arbitration.*

15. Mhux kontestat illi dan l-abbozz baqa' qatt ma ġie ffirmat mill-partijiet. Infatti, **Matthew Camilleri**, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, filwaqt illi

[4] Klawsola d.ii. tal-ftehim
[5] **Dok MC2** a fol 43 tal-proċess

ppreżenta kopja oħra tal-abbozz illi kien irċieva permezz ta' *e-mail*, xehed illi, *"Qatt ma għadda f'idejna biex niffirmawh, jiena dak qed narah, naf bih, qatt ma ġie ffirmat qatt ma ġie konkluż l-abbozz."*[6] Mistoqsi x'jaf dwar l-abbozz, isostni, *"Xejn rigward l-abbozz jien ma niftakar l-ebda diskussjoni fuqu"*, u li għalkemm kienet saret *"diskussjoni ġenerali fuq il-proġett u bejnietna"* (cioe bejn il-partijiet u ċertu Dr Marthese Portelli), l-abbozz *"Qatt ma rajnieh, ma kienx muri lilna waqt dik id-diskussjoni żgur."*[7] Mill-banda l-oħra, saħansitra anke l-konvenut **Mario Camilleri** jixhed, *"Ehe li ma ġiex iffirmat għamlitu Dr Marthese Portelli u ħaditu hi għandhom* [cioe, għand is-soċjeta' rikorrenti] *fuq talba tagħhom, meta urejnihom il-kuntratt ewlieni huma riedu jsaħħu aktar il-posizzjoni tagħhom."*[8] Mistoqsi jekk jafx għalfejn il-ftehim ma ġiex iffirmat, ix-xhud qal illi ma kienx jaf, u lanqas seta' jiftakar jekk kienx hemm xi *feedback* da parti tas-soċjeta' rikorrenti dwar l-istess abbozz;

16. Il-konvenut qiegħed isostni illi minkejja illi l-abbozz baqa' ma ġiex iffirmat, il-ftehim huwa dak li vvinkola l-partijiet, u għalhekk għandu xorta waħda jorbot lill-partijiet fil-kawża odjerna. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' rikorrenti tissottometti illi: (a) l-abbozz kien abbozz, u ma ġiex iffirmat, b'dana illi għalhekk mhux vinkolanti bejn il-partijiet, u (b) skont l-artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ, l-intimat kellu jintavola rikors illi permezz tiegħu jitlob lil din il-Qorti tirrferi l-atti għand il-Bord tal-Arbitraġġ, u mhux jissolleva l-eċċezzjoni kif effettivament għamel;

17. Fl-ewwel lok, din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-ftehim abbozzat baqa' ma ġiex iffirmat, b'dana illi anke jekk għall-grazzja tal-argument seta' kien jirrifletti l-ftehim verbali milħuq mill-partijiet, xorta waħda ma jistax jintalab l-eżekuzzjoni tiegħu. Se mai, l-abbozz jista' l-aktar l-aktar jitqies illi huwa espressjoni tal-fehma tal-intimat, iżda ma nġabet l-ebda prova ta' manifestazzjoni ta' qbil da parti tas-soċjeta' rikorrenti għall-proposti mniżżla fih. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tistax tqis illi l-kontenut tal-

[6] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu, a fol 46 tal-proċess
[7] Ibid, a fol 48 tal-proċess
[8] Vide traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu, a fol 57-58 tal-proċess

abbozz, inkluż il-klawsola arbitrali, kellu xi effett illi jorbot lill-partijiet. Dan aktar u aktar meta r-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti xehed bil-ġurament tiegħu illi fid-diskussjonijiet illi kellhom mal-intimat qatt ma kien sar xi ftehim bejn il-partijiet rigward klawsola arbitrali, filwaqt illi l-intimat stess xehed illi la jiftakar għaliex ma ġiex iffirmat il-ftehim u lanqas jiftakar jekk kienx hemm xi *feedback* da parti tas-soċjeta' rikorrenti;

18. Fit-tieni lok, mingħajr preġudizzju għall-premess, din il-Qorti rat illi minkejja illi ġew intavolati żewġ ittri uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A mis-soċjeta' rikorrenti quddiem il-Qrati Ċivili kontra l-intimat[9], l-intimat, fin-nota t'opposizzjoni tiegħu għal kull ittra hekk intavolata[10], iddikjara illi huwa kien qed jirrespinġi t-talba tas-soċjeta' rikorrenti għall-ammont minnha pretiż, iżda la għamel referenza għall-klawsola arbitrali, u lanqas ħa passi sabiex jirreferi l-vertenza għall-arbitraġġ. Huwa qagħad passiv f'dan ir-rigward meta ġie konfrontat bl-intimazzjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti, u invoka biss il-klawsola arbitrali illi kienu allegatament qablu fuqha l-partijiet meta ġiet intavolata l-kawża odjerna;

19. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Ignatius Gatt vs Franco Facchetti et***[11]:

> *Fi kliem ieħor, iż-żewġ partijiet kellhom it-tnejn indaqs l-obbligu kuntrattwali, wara li tfaċċa d-diżgwid serju bejniethom, li jirreferu l-kwistjoni għad-deċiżjoni ta' l-arbitru mingħajr dewmien. Huwa prinċipju sagrosant tal-liġi li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-buona fidi. Din il-qorti hi tal-fehma li mhux permess għall-konvenut li issa jinvokaw l-eżekuzzjoni tal-klawżola arbitrali f'din il-kawża meta wrew passivita' prolungata tagħhom, kienu wrew biċ-ċar li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq ta' l-arbitraġġ. [...] Din il-Qorti hija sodisfatta li, la darba l-konvenuti ma ikkontradixxewx lill-attur, u lanqas ma*

[9] A fol 7 *et seq* u a fol 15 *et seq* tal-proċess
[10] A fol 12 u a fol 21 tal-proċess
[11] Appell Ċivili Nru 883/1990/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 10 t'Ottubru 2003

*ressqu huma stess il-vertenza bejniethom quddiem l-arbitru imsemmi fil-ftehim, kif kellhom id-dover li jagħmlu, allura wieħed raġonevolment għandu jasal għall-konklużjoni li huma ġew li aċċettaw il-posizzjoni li ħa l-attur fil-konfront tal-klawżola arbitrali u konsegwentement irrinunzjaw taċitament għall-effetti ta' l-istess klawsola.*

20. Referenza saret ukoll għal din is-sentenza fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Calibre Industries Limited vs Muscat Motors Limited***[12]:

*[...] din il-Qorti tosserva wkoll li l-obbligu li wieħed jirrikorri għall-proċedura ta' arbitraġġ meta jinqala' disgwid qiegħed fuq iż-żewġ partijiet u għalhekk meta s-soċjeta' attriċi kitbet lis-soċjeta' konvenuta fis-6 ta' April 2001 (fol 91) fejn ssottolineat il-punti ta' diverġenza, u dan wara laqgħa li kienet saret bejn il-partijiet interessati fit-2 ta' April ta' l-istess sena, kien jinkombi ukoll fuq is-soċjeta' konvenuta li tibda hi stess proċeduri ta' arbitraġġ biex il-vertenza tiġi solvuta.*

21. Finalment, ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Trasporti e Movimenti Terra Ltd vs Schebri Infrastructures Limited***[13], illi, għalkemm għadha fi stadju appell, ġiet deċiża fuq l-istess prinċipji legali:

*47. Il-Qorti tifhem illi, la darba s-soċjeta' intimata esprimiet il-fatt illi kien hemm diverġenza u la darba naqqset milli tirreferi dina l-kwistjoni għall-arbitraġġ skond il-ftehim, kienet hija stess illi kienet in vjolazzjoni tal-ftehim ta' arbitraġġ, u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti kellha kull dritt illi, aktar minn ħames xhur wara l-aħħar*

[12] Appell Ċivili Nru 1386/2001/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 25 ta' Frar 2005
[13] Rik Nru 28/2013, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ F Depasquale, 6 ta' Lulju 2020 (appellata)

*korrispondenza tas-soċjeta' intimata, u wara li s-soċjeta' intimata ma għamlet xejn, nediet il-proċeduri odjerni.*

*48. Il-Qorti tosserva illi r-regoli huma hemm biex jiġu osservati u mhux abbużati – fil-każ odjern, is-soċjeta' intimata kellha obbligu illi tmexxi b'arbitraġġ in vista tal-oġġezzjonijiet illi hija ressqet u, la darba ma ressqet ebda arbitraġġ fi żmien raġjonevoli, hija għażlet illi ma tenforzax l-effetti tal-klawsola tal-esklussivita' tal-arbitraġġ u kkonċediet lis-soċjeta' rikorrenti id-dritt illi tipproċedi bl-azzjoni odjerna.*

*49. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi s-soċjeta' intimata għażlet illi tmexxi bil-proċeduri ta' arbitraġġ BISS wara illi l-azzjoni odjerna inbdiet aktar minn sitt xhur wara li s-soċjeta' rikorrenti talbet għall-ħlas ta' dak lilha dovut.*

22. Għaldaqstant din il-Qorti tirrileva illi anke jekk, għall-grazzja tal-argument, kellu jiġi rikonoxxut l-abbozz tal-ftehim bħala l-ftehim illi vvinkola l-partijiet, l-intimat kellu perjodu ta' aktar minn sentejn minn meta ntbagħtet l-ewwel ittra uffiċjali datata għaxra (10) ta' Settembru 2020, u perjodu ta' aktar minn sena u nofs minn meta ntbagħtet it-tieni ittra uffiċjali datata erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu 2021, sabiex jenforza l-klawsola t'arbitraġġ illi huwa qiegħed jinvoka fil-kawża odjerna, iżda madanakollu naqas milli jagħmel dan, u saħansitra lanqas biss jagħmel referenza għaliha fir-risposti tiegħu għall-istess ittri uffiċjali intavolati mis-soċjeta' rikorrenti. Kien biss meta ġiet intavolata din il-kawża, f'Jannar 2023, illi għażel illi jinvoka l-klawsola arbirtali. Isegwi għalhekk illi anke li kieku l-klawsola arbitrali kellha titqies bħala waħda illi kien hemm qbil fuqha bejn il-partijiet, l-intimat irrinunzja għaliha taċitament bil-passivita' tiegħu;

23. Fit-tielet lok, u għal darb'oħra mingħajr preġudizzju għall-premess, din il-Qorti sejra tindirizza s-sottomissjoni tas-soċjeta' rikorrenti illi ma ġietx

esegwita l-proċedura stabbilita fil-liġi sabiex tiġi invokata klawsola arbitrali meta tkun ġia ġiet intavolata kawża quddiem il-Qrati Ċivili;

24. L-Artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Liġiijiet ta' Malta jistabilixxi illi:

> *(3) Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti,* ***bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ****, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.* (Emfasi ta' din il-Qorti)

Minn dan l-Artikolu joħorġu żewġ elementi: (a) illi l-liġi li tirregola l-arbitraġġ għandha tapplika fil-każ ta' konflitt (fit-termini tal-prinċipju illi *lex specialis derogat legi generali*), u għalhekk hija l-liġi li tirregola l-arbitraġġ ili għandha tiddetermina l-proċedura li għandha tiġi esegwita, u (b) il-Qorti Ċivili għandha twaqqaf il-proċeduri ġudizzjarja quddiemha jekk jirriżulta illi jkun hemm ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet;

In oltre, imbagħad, l-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta) jgħid illi:

> *(3) Minkejja kull dispożizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali* ***tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod***

> ***ieħor fil-proċedimenti**, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet.* (Emfasi ta' din il-Qorti)

Għaldaqstant, jidher illi huwa fuq il-parti illi tkun trid tinvoka klawsola arbitrali illi jaqa' l-oneru illi titlob it-twaqqif tal-proċeduri quddiem Qorti Ċivili <u>qabel</u> ma tressaq eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċess ġudizzjarju quddiem il-Qorti Ċivili;

25. Huwa evidenti għalhekk illi f'każijiet bħal dawk odjerni, u cioe fejn ikunu nbdew proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti Ċivili minkejja illi jkun hemm klawsola arbitrali fi ftehim bejn il-partijiet, l-intimat għandu żewġ għażliet: jew (a) imexxi bil-proċeduri ġudizzjarji b'dana illi jirrinunzja taċitament għall-klawsola arbitrali; jew (b) qabel iressaq eċċezzjonijiet fil-proċeduri ġudizzjarji, jitlob illi l-proċeduri ġudizzjarji jieqfu sabiex il-każ jiġi riferit lill-Arbitraġġ;

26. Din il-Qorti taqbel mas-soċjeta' rikorrenti illi l-fatt illi l-intimat ma talabx il-waqfien tal-proċeduri ġudizzjarji, iżda saħansitra kompla magħhom billi ressaq numru ta' eċċezzjonijiet, għandu jiġi interpretat bħala sinjal illi l-intimat kien qiegħed jirrinunzja għall-klawsola arbitrali illi qiegħed jipprova jinvoka bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu stess. Huwa minnu illi l-Artikolu 15(3) jistabbilixxi illi persuna ***"tista'"*** tressaq talba għas-soprasessjoni, b'dana illi tingħat l-impressjoni illi din il-proċedura hija waħda *fakoltattiva*, iżda, fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-proċedura hija reża fakoltattiva biss in kwantu qed jiġi determinat jekk l-intimat ikunx sejjer jirrinunzja għall-klawsola arbitrali jew le, u mhux in kwantu qed jiġi determinat jekk jinvokax il-klawsola arbitrali qabel jew wara li jressaq l-eċċezzjonijiet fil-proċeduri ġudizzjarji intavolati quddiem il-Qorti Ċivili. Fil-każ illi l-intimat ikun jixtieq

jinvoka l-klawsola arbitrali, allura l-proċedura fakoltattiva ssir waħda ***mandatorja***, b'dana illi l-intimat ma jistax l-ewwel jissolleva eċċezzjonijiet fil-proċeduri ġudizzjarji (u b'hekk jirrinunzja għall-klawsola arbitrali) imbagħad jippretendi illi l-Qorti Ċivili tissoprassjedi sabiex il-każ jiġi riferit għall-Arbitraġġ;

27. Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha premessi, din il-Qorti tqis illi l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat għandha tiġi respinta.

**Decide**

28. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

    i. **Tiċħad** l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti sollevata mill-intimat, u

    ii. **Tordna** l-prosegwiment tal-kawża odjerna.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri a karigu tal-intimat .

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**